**A.L. ____ tal-2024**

**ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI**

**TAL-ENERĠIJA U L-ILMA**
**(KAP. 545)**

**Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 tal-Att dwar ir-

Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru responsabbli

għas-servizzi tal-enerġija u l-ilma, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma,

għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

L.S. 545.24.

**1.**

It-titolu ta’ dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi, hawn aktar ’il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Is-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "ħażna tal-enerġija" tiegħu għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "IET Wiring Regulations" tfisser ir-*Requirements for Electrical Installations issued by the Institution of Engineering and Technology (I.E.T) - BS 7671 18th Edition,* esklussivament kif ippubblikati u applikabbli fl-1 ta’ Lulju 2018;"; u

(b) it-tifsira "Regolamenti dwar l-I.E.E" tiegħu għandha tiġi mħassra.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) awtorizzazzjoni B għall-installazzjoni, tibdil, estensjoni u ċertifikazzjoni ta' installazzjonijiet elettriċi *single phase* u installazzjonijiet elettriċi *three phase* gradati inqas minn 300Amps kull *phase*. Id-detentur ta' awtorizzazzjoni B jista' wkoll iwettaq xogħol ta' installazzjoni, tibdil u estensjoni fuq installazzjonijiet elettriċi *three phase* gradati daqs jew aktar minn 300Amps kull *phase* iżda ma jistax jiċċertifika l-istess installazzjonijiet elettriċi."

.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.
**A.L. ___ tal-2024.**

**4.** Fis-subregolament (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-Regolamenti tal-2024 dwar il-Konnessjoni u l-Provvista tal-Elettriku".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Minnufih wara s-subregolament (5) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(6) Kwalunkwe persuna li tapplika għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni skont dan ir-regolament għandha toqgħod għal intervista quddiem il-Kumitat Tekniku u għandha tiġi rrakkomandata mill-Kumitat Tekniku qabel ma ssir eliġibbli li tinħarġilha l-awtorizzazzjoni li għaliha tkun saret l-applikazzjoni. Fil-każ li l-applikant ma jkunx rakkomandat mill-Kumitat Tekniku wara l-imsemmija intervista, l-applikant jista' jerġa' japplika mill-ġdid sabiex joqgħod għal intervista oħra wara li jgħaddu sitt (6) xhur mid-data tal-aħħar intervista.".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

**6.** Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Jekk xi dritt ta' awtorizzazzjoni pagabbli skont is-subregolament (2)

ma jitħallasx fi żmien tletin (30) jum, għandu jkun dovut ukoll lir-Regolatur dritt addizzjonali ta' tnax-il euro (€12) bħala dritt ta' ħlas tardiv flimkien mad-dritt dovut.";

(b) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Jekk id-dritt għall-awtorizzazzjoni jibqa' ma jitħallasx u ma tiġix sottomessa kwalunkwe dokumentazzjoni meħtieġa għat-tiġdid, ir-Regolatur għandu jinforma, permezz ta' posta reġistrata, lill-provditur awtorizzat dwar l-imsemmi nuqqas ta' ħlas u, jew sabiex jipprovdi dawn id-dokumenti. L-awtorizzazzjoni għandha tiġi revokata jekk id-dritt tal-awtorizzazzjoni jibqa' ma jitħallasx u, jew id-dokumenti meħtieġa ma jiġux sottomessi wara tletin (30) jum mid-data li fiha l-komunikazzjoni tkun intbagħtet bil-posta reġistrata. Kwalunkwe persuna li jkollha l-awtorizzazzjoni revokata u trid li tinħareġ mill-ġdid b'awtorizzazzjoni għandha tkun meħtieġa li tissottometti applikazzjoni għal dan il-għan u li tkun rakkomandata wara intervista quddiem il-Kumitat Tekniku. Waqt li jikkunsidra kwalunkwe applikazzjoni bħal din, ir-Regolatur jista' jieħu kont in-nuqqas preċedenti tal-applikant li jħallas id-dritt tal-awtorizzazzjoni u, jew li jissottometti d-dokumenti ta' tiġdid meħtieġa u ta' kwalunkwe spjegazzjoni dwar dak in-nuqqas li l-applikant jista' jissottometti lir-Regolatur:

Iżda għandu jkun id-dmir tal-provditur awtorizzat li jagħmel disponibbli lir-Regolatur id-dettalji ta' kuntatt korretti jew li jaċċetta jew li jiġbor il-posta reġistrata. In-nuqqas li jipprovdi l-imsemmija dettalji ta' kuntatt korretti jew li jaċċetta jew li jiġbor il-posta reġistrata għandu jeżenta lir-Regolatur milli jikkuntattja lill-imsemmi provditur awtorizzat bil-posta reġistrata. F'dawn il-każijiet, ir-Regolatur għandu jippubblika fuq il-websajt tiegħu avviż dirett lill-provditur awtorizzat minflok il-posta reġistrata.";

(ċ) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(d) is-subregolament (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(6) Ir-Regolatur jista' jippubblika fuq il-websajt tiegħu avviż li jkun fih l-ismijiet u d-dettalji ta' provdituri awtorizzati li l-awtorizzazzjoni tagħhom tkun ġiet revokata.".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

**7.** Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "jissospendi l-awtorizzazzjoni għal perjodu ta' żmien għall-kontravenzjonijiet li ġejjin" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jirrevoka l-awtorizzazzjoni jew jista' jissospendi l-awtorizzazzjoni għal perjodu ta' żmien determinat għal kwalunkwe mill-ksur li ġejjin:";

(ii) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) nuqqas li tirrettifika kwalunkwe nuqqas ta' konformità ta' installazzjoni elettrika jew tagħmir elettriku wara li tingħata twissija bil-miktub maħruġa mir-Regolatur, minn kwalunkwe awtorità oħra jew minn operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni;";

(iii) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) nuqqas ta' ħlas ta' kwalunkwe dritt dovut skont dawn ir-regolamenti;" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) nuqqas ta' konformità ma' xi direzzjoni maħruġa mir-Regolatur."; u

(b) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi miżjud dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Persuna li l-awtorizzazzjoni tagħha tkun ġiet revokata għandha tkun meħtieġa li tapplika mill-ġdid għall-awtorizzazzjoni u toqgħod għal intervista sabiex tkun rakkomandata mill-Kumitat Tekniku sabiex tinħarġilha mill-ġdid awtorizzazzjoni:

Iżda applikazzjoni mill-ġdid għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni wara revoka skont dan ir-regolament tista' sseħħ biss wara li jgħaddu sitt (6) xhur mid-data tar-revoka tal-awtorizzazzjoni mir-Regolatur.".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

**8.** Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "fir-Regolamenti tal-I.E.E. - BS 7671 l-aħħar edizzjoni;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-IET Wiring Regulations;"; u

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, installazzjonijiet elettriċi għandhom jikkonformaw mar-*Requirements for Electrical Installations issued by the Institution of Engineering and Technology (I.E.T.) - BS 7671 18th Edition*, esklussivament kif ippubblikati u applikabbli fl-1 ta' Lulju 2018, u bi prinċipji ġeneralment aċċettati ta' disinn tajjeb u prattiki sikuri:

Iżda l-installazzjoni ta' Surge Protection Devices (SPDs) ma għandhiex tkun obbligatorja.".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

**9.** Fir-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "inġinier tal-elettriku li jkollu warrant" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "inġinier tal-elettriku li jkollu warrant u li għandu Awtorizzazzjoni B.".

Jemenda r-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali.

**10.** Ir-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Apparat protettiv għall-*overvoltage* sabiex isib u jipproteġi kontra *overvoltage* sostnut għandu jiġi installat minnufih wara l-*main double pole switch fuse* jew *circuit breaker*.";

(a) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Apparat wieħed (1) jew aktar tar-*residual current* li jipproteġu s-*sub-circuits* individwali separatament, b'mezzi għal spezzjoni perjodika u b'*operating current* ta' 30mA mal-*earth* għandhom jiġu installati minnufih wara l-apparat protettiv għall-*overvoltage*, u minnufih wara l-*main double pole switch fuse* jew *circuit breaker*:

Iżda fil-każ ta' faċilità ta' klijenti multipli għandu jkun aċċettabbli li jiġi installat apparat tar-*residual current* b'*operating current* ta' mhux aktar minn 100mA ħdejn *metering point* minnufih wara l-apparat protettiv għall-*overvoltage*, u minnufih wara l-*main double pole switch fuse* jew *circuit breaker* segwit minn apparat ta' *residual current protection* jew aktar b'*operating current* ta' 30mA ta' *residual current* li jipproteġi s-*sub-circuits* individwali separatament b'*operating current* ta' 30mA, fil-punt tad-dħul tal-provvista fil-bini tal-klijent jew għal *circuits* li jfornu l-elettriku f'partijiet komuni jew garaxxijiet domestiċi biswithom:

Iżda wkoll fejn fil-fehma tal-provditur awtorizzat l-interruzzjoni mhux intenzjonata tal-provvista tagħti lok għal riskji akbar, bħat-tneħħija tal-enerġija ta' tagħmir ta' appoġġ għall-ħajja, arranġamenti alternattivi għas-*sub-circuits* li jfornu tali tagħmir jistgħu jsiru mill-provditur awtorizzat:

Iżda wkoll fil-każ ta' *loads* speċifiċi għal *circuit* b'kurrenti għolja ta' *earth leakage*, bħal fil-każ ta' *circuits* li jfornu tagħmir elettroniku, li jistgħu jikkawżaw interruzzjonijiet mhux intenzjonati tal-provvista, apparat ta' *residual current protection* b'*operating current* ogħla minn 30mA, kif irrakkomandat mill-manifattur, li madankollu ma għandux jeċċedi t-300mA, jista' jintuża sabiex jipproteġi dik il-load speċifika biss, bi kwalunkwe *sub-circuits* paralleli u, jew *downstream* oħrajn, b'mod partikolari, dawk is-*circuits* li jfornu *loads* elettriċi aċċessibbli għall-utenti li għandhom jiġu protetti b'apparat ta' *residual current* wieħed jew aktar b'*operating current* ta' 30mA. *Cables* li jfornu *loads* speċifiċi protetti minn apparat tar-*residual current* b'*operating current* li jeċċedi t-30mA għandhom jitqiegħdu f'*conduit* tal-metall jew f'kanali tal-metall. *Cable* blindat bil-metall jista' wkoll jintuża bħala alternattiv għall-arranġament imsemmi hawn fuq."; u

(b) is-subregolament (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(6) Fil-każ ta' installazzjonijiet elettriċi f'faċilitajiet ta' klijenti multipli msemmija fis-subregolament (5), is-*circuit* bejn il-*fuse* tal-*main switch* jew *circuit breaker* u l-fond tal-klijent individwali għandu jikkonsisti minn *main supply cables* separati u indipendenti li jgħaddu f'*conduit* protettiv jew f'sistema ta' kanali iddedikat għal wajers tal-provvista tal-elettriku, għall-bini tal-klijent individwali. *Cable* blindat bil-metall li jkun separat u indipendenti jista' wkoll jintuża bħala alternattiv għall-arranġament imsemmi qabel.".

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

**11.** Ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) It-teħid tal-provvista għandu jkun prottett b'mod adegwat permezz ta', iżda mhux limitat għal:

(a) apparat għall-*over current;*

(b) Apparat protettiv għall-*overvoltage* sabiex isib u jipproteġi kontra *overvoltage* sostnut għandu jiġi installat immedjatament wara l-*main switch fuse* jew *circuit breaker*.".

"(c) apparat għar-*residual current* b'*sub-circuits* li jfornu *loads* elettriċi aċċessibbli għall-utenti sabiex jiġu protetti b'apparat ta' *residual current* ta' 30mA."; u

(b) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu għandhom jiġu miżjuda dawn is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(3) *Fuses* u apparati ta' *circuit breaker* għandhom jiġu gradati

sabiex jipprovdu *over current discrimination* bil-*fuses* fornuti mis-servizz

tal-provvista tal-elettriku.

(4) Il-*main switch fuse* jew *circuit breaker* għandu jkun marbut

mekkanikament sabiex jikkaġuna skonnessjoni simultanja tal-kondutturi

kollha li huma *live phase* u newtrali.

Jemenda r-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali.

**12.** Il-paragrafu (a) tar-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) jipprovdi konnessjoni għall-*earth* li tkun indipendenti minn ġo waħda (1) jew aktar *earth electrodes* kif meqjus adatt, installat u ittestjat adegwatament, konness

b'mod sod permezz ta' *cable* konduttur tar-ram insulat u protett mekkanikament li jkollu *cross-sectional area* adegwata, li għandha tkun ta' mhux anqas minn $16mm^2$, mal-*main earthing terminal* li miegħu għandu jkun imqabbad il-konduttur protettiv tal-installazzjoni elettrika;".

Żieda ta' regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**13.** Minnufih wara r-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Miżuri ta' protezzjoni għall-estensjonijiet ta' installazz-jonijiet elettriċi. **A.L. ____ tal-2023.**

22A. Il-provditur awtorizzat għandu jiżgura li fejn l-installazzjoni elettrika tkun estiża barra mill-konfini ta' unità tal-bini u fejn dan huwa permess skont ir-

Regolamenti tal-2024 dwar il-Konnessjoni u l-Provvista tal-Elettriku, l-estensjoni elettrika għandha tiġi pprovduta bi:

(a) fejn l-estensjoni elettrika minn unità tal-bini tintuża sabiex tforni garaxx privat, għandhom jiġu pprovduti mezz mekkaniku manwali ta' iżolament tal-*phases* kollha u newtrali f'pożizzjoni aċċessibbli u minnufih wara d-daħla tal-garaxx. Il-*wiring* tal-estensjoni li jwassal għall-garaxx għandu jgħaddi biss miż-żoni komuni;

(b) fejn l-installazzjoni elettrika hija estiża barra l-konfini ta' unità tal-bini sabiex tforni faċilitajiet jew tagħmir ta' barra, għandhom jiġu installati mezz mekkaniku manwali ta' iżolament tal-*phases* kollha u newtrali għandu jkun installat fuq il-ħajt ta' barra tal-unità tal-bini fil-viċinanza immedjata taż-żona jew tat-tagħmir fejn jingħata s-servizz. Il-mezz ta' iżolament ma għandux ikun tat-tip imħaddem elettrikament mill-bogħod:

Iżda l-wajers tal-estensjoni għandhom:

(a) jiġu fornuti permezz ta' *circuit* iddedikat ipprovdut bil-protezzjoni meħtieġa;

(b) ikunu pprovduti bil-protezzjoni mekkanika xierqa;

(ċ) bl-ebda mod ma jkunu ta' xkiel ;

(d) ikunu indikati b'mod ċar u dokumentati jekk midfuna:

Iżda wkoll l-*earthing system* ta' kwalunkwe struttura konduttiva jew għamara tat-triq li tinsab f'żewġ metri (2m) miż-żona jew tagħmir li qed jiġi fornut mill-bini għandha tkun marbuta mal-*earthing system* tal-istess bini. L-ittestjar tal-irbit tal-*earthing system* għandu jkun parti mill-ittestjar ta' rutina tal-installazzjoni elettrika tal-bini inkluża l-estensjoni;

(ċ) fejn l-installazzjoni elettrika ta' unità tal-bini li tifforma parti minn blokka tal-bini hija estiża sabiex tikkonnettja tagħmir elettriku fuq is-saqaf tal-istess blokka tal-bini li fiha l-unità tal-bini tinsab fiżikament iżda mhux internament fiżikament interkonnessa mas-saqaf, l-imsemmija estensjoni

għandha tkun:

(i) fornuta permezz ta' *circuit* jew *circuits* iddedikati pprovduti bil-protezzjoni meħtieġa;

(ii) ipprovduti b'mezz mekkaniku manwali ta' iżolament tal-*phases* kollha u newtrali pprovduti fiż-żona komuni li twassal għas-saqaf u li tinsab ħdejn il-*meters* tas-servizz elettriku li jfornu l-unitajiet fil-blokka. Il-mezz ta' iżolament ma għandux ikun tat-tip imħaddem elettrikament mill-bogħod;

(iii) l-*earthing system* tal-unità tal-bini li mhix fiżikament interkonnessa maż-żona komuni tal-blokka tal-bini għandha tkun konnessa mal-*earthing system* tal-blokka. L-ittestjar tal-irbit tal-*earthing system* għandu jkun parti mill-ittestjar ta' rutina tal-installazzjonijiet elettriċi li jinsabu fiżikament fil-blokka;

(iv) il-mezzi ta' iżolament għandhom ikunu mmarkati kif suppost u dokumentati sabiex jindikaw is-sorsi tal-provvista u l-post tat-tagħmir elettriku li qiegħed jingħatha servizz. L-irbit tal-*earthing system* għandu jkun immarkat kif suppost u dokumentat.".

Jisostitwixxi r-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali.

**14.** Ir-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

**A.L. ____ tal-2023.**

"23. (1) Il-provditur awtorizzat għandu jiżgura li l-*motor loads* 'il fuq minn 1.5kW ikunu konformi mar-Regolamenti tal-2024 dwar il-Konnessjoni u l-Provvista tal-Elettriku.

(2) Apparati li jinibixxu l-istartjar mill-ġdid awtomatiku tal-muturi għandhom jiġu pprovduti kull fejn fl-opinjoni tal-provditur awtorizzat l-imsemmi startjar mill-ġdid jista' jikkawża periklu jew ħsara lit-tagħmir.

(3) It-tagħmir b'muturi *three phase* għandu jkun ipprovdut b'*phase failure protection* u b'*incorrect phase sequence protection* fejn fl-opinjoni tal-provditur awtorizzat *incorrect phase sequence* tista' tikkawża periklu jew ħsara lit-tagħmir.".

Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

**15.** Minnufih wara s-subregolament (4) tar-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Jekk kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-regolamenti jew prattika ħażina tirriżulta mill-ispezzjoni u, jew mill-ittestjar tal-installazzjoni elettrika, l-ispejjeż imġarrba mir-Regolatur għat-twettiq tal-ispezzjoni u, jew tal-ittestjar għandhom jitħallsu mill-provditur awtorizzat jew mill-inġinier li jkollu warrant, skont il-każ, li għandhom ikunu dovuti bħala dejn ċivili lir-Regolatur.".

Jemenda r-regolament 26 tar-regolamenti prinċipali.

**16.** Ir-regolament 26 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Ir-Regolatur għandu jżomm reġistru tal-awtorizzazzjonijiet, li għandu jkun magħmul pubbliku parzjament jew fl-intier tiegħu u li għandu jinkludi rekords tal-awtorizzazzjonijiet kollha mogħtija skont dawn ir-regolamenti."; u

(b) il-paragrafu (a) tas-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) l-isem, il-kunjom u n-numru tal-karta tal-identità jew in-numru tad-dokument tal-identità jew in-numru tal-passaport tal-provditur awtorizzat;".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**17.** It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kelma "I.E.E", kull fejn tokkorri, għandha tiġi sostitwita bil-kliem "IET Wiring Regulations"; u

**A.L. ____ tal-2024.**

(b) fil-partita (d) tagħha, il-kliem "mir-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Elettriku" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mir-Regolamenti tal-2024 dwar il-Konnessjoni u l-Provvista tal-Elettriku".

---